KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru 44**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 10 ta' Awissu 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsilliera Ebejer kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-Laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru 43** 41

1.1 - Dawn il-Minuti gew approvati prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

1.2 - Korrezzjonijiet

Item 4 – ~~Materji Konnessi~~ Pagamenti – ghandu jizdied il-kliem "ghandu jsir breakdown tal-kontijiet ta' l-Avukat tal-kunsill".

**2) Korrispondenza**

2.1 – Hadd ma kellu korrispondenza x'titressaq.

**3) Gnien Pawlu Boffa**

Wara diskussjoni fuq hafna vandalizmu li sar fi Gnien Pawlu Boffa gie deciz li tinhareg kwotazzjoni biex tigi nstallata sistema ta' CCTV fi Gnien Pawlu Boffa u ma l-istess sistema jekk ikun possibli titwahhal camera ohra fid-dhul u hrug tal-Ground tas-Schreiber.

**4) *Schreiber Ground***

4.1 - Is-Sindku qal li l-Onor Azzopardi lest li jghaddi l-Ground tas-Schreiber b' *lease* temporanju sa kemm jinbeda l-progett tal gvern. Kien issugerit li il-kerha tkun ta' 1000 euro. Hu kompla jghid li hemm hajt perikoluz ukoll fil-ground. Wara diskussjoni, il-

Sindku: Dominic Grima, Viċi Sindku: Alfred Borg, Kunsillieri: Dr. Duncan Borg Myatt, Renald Dalli, Bernard Sean Lynch, Helena Ebejer, Nicholas Seychell

Kunsill qabel li immedjatament ghandha tintbaghat ittra lil *Lands Department* fejn tinfurmah li l-Kunsill jaccetta dan il-*lease*.

4.2 - Gie deciz ukoll li jinhatar kummissjoni maghmula mis-Sindku bhala *Chairperson*, il-Kunsilliera Dalli, Lynch, Borg u Seychell, u l-*handyman* Tony Gatt. Din il-Kummissjoni qabel ma jigi ffirmat il-Kuntratt u mhux aktar minn ghaxart ijiem mil-lum ghandha tlesti rapport dwar l-uzu propost minn dan il-*ground* biex jigi diskuss fl-ewwel laqgha li jmiss tal-Kunsill.

## <u>5) Attivita' Novembru u Dicembru</u>

5.1 - Il-Kunsillier Dalli qal li bil-permess tal-Kunsill ser japplika ghal Memo 95/2010 ghall-attivita' tal-Milied bhal ma saret is-sena l-ohra u attivita' ohra f' Novembru. Din tkun bhala festival tal-baned.

5.2 – Il-Kunsillier Dalli nghata l-inkarigu biex jibda d-diskussjonijiet mal-Partijiet involuti.

5.3 - Il-membri tal-Kunsill approvaw dawn l-attivitajiet.

## <u>6) Bring in Sites</u>

6.1 - Is-Sindku qal li ~~kif jaf~~ bghat E-Mail lill kulhadd ~~gew~~ dwar fejn ser jitpoggew il *bring-in-sites*. Il-Kunsilliera kollha prezenti staqsew lis-Sindku kif huma ma gewx avzati u min ha d-decizjoni fejn ser jitpoggew. Is-Sindku qal li hu bhala Sindku ha din id-decizjoni u jekk il-kunsill ikun irid jkun jista'jcaqlaqhom minn posthom.

6.2 - Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda li dawn bl-ebda mod ma jizdiedu.

6.3 - Dawk li qeghdin jintuzaw hazin (xi 6) jitnehhew immedjatament.

6.4 - Isir ezercizzju ta' PR mar-residenti fuq dawk li jinzammu fil-lokalita'.

6.5 - Jigu nstallati c-CCTV kif imwieghed u fejn ikun mehtieg.

6.6 - Jitqassmu l-boros il-grizi.

6.7 - Jitwahhlu il-Bins ta l-*istainless steel.*

6.8 - Gie deciz li s-Sindku ghandu jara li dan isehh u ghandha ssir laqgha urgenti mal-Green MT.

## <u>7) Bye Laws</u>

7.1 - Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li jitqabbad l-avukat tal Kunsill biex jigu draftjati dawn il-*Bye laws* ghal aktar diskussjoni.

7.2 - Hmieg u ikel lill-annimali.

7.3 - Reklamar fuq *street furniture*

7.4 - Parking Ground tas-Schreiber

7.5 - Korsijiet

**<u>8) Bankina *f'New Street.*</u>**

8.1 - Il-Kunsillier Seychell ressaq ilment minn residenti li ilu sejjer snin f' din it-triq. Wara diskussjoni sar qbil li minhabba li kull resident ghandu dritt ghall-access liberu ghar- residenti tieghu, il-Kunsill qabel li jsir *double yellow lines* quddiem il-bibien tar-residenti f'din il- parti ta' *New Street.*

**<u>9) Website</u>**

9.1 - Il-Kunsillier Lynch prezenta l-format tal-website il-gdida. Dan gie approvat mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill awtorizza ukoll lil Kunsillier Lynch biex isir dak kollu possibli li biex tigi kkancellata l- *website* antika.

**<u>10) Pagamenti</u>**

10.1 - Re cekk nru: 3104: Il-Kunsillier Lynch qal li fuq dan il-pagament huwa ser johrog mill- kamra, kif fil-fatt ghamel. Il Kunsill approva dan il pagament.

10.2 - Re cekk nru: 3070: Il-Kunsill approva biss l-ammont ta' 110.80 euros.

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.15pm u aggornata ghal 14 ta' Settembru 2010.

.

Approvati Illum 26 Aug 2010

| | |
|---|---|
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |